**155. L-Onor Owen Bonnici u l-Onor Evarist Bartolo pproponew:**

Wara li fl-10 ta' Mejju, 2010 il-Kummissjoni Ewropea kkomunikat mal-Istati Membri kollha d-deċiżjoni tagħha li tieħu miżuri prekawzjonarji dwar l-implimentazzjoni tal-Programmi Lifelong Learning u Youth in Action f'Malta u li tissospendi dawn il-programmi għas-sena 2010;

Wara li minħabba din id-deċiżjoni 582 studenti mill-primarja sal-Università u għadd ta' għaqdiet inkluż dawk ta' persuni b'diżabilità ġew imċaħħda millopportunitajiet offruti minn dawn il-programmi, inkluż dawk ta' Comenius, Grundtvig, Leonardo da Vinci u Erasmus;

Wara li sar magħruf li din id-deċiżjoni ttieħdet wara nuqqasijiet amministrattivi kbar, persistenti u li rrepetew ruħhom għal għadd ta' snin;

Wara li f'paġni 6 u 7 tar-rapport tal-inkjesta ordnata mill-Prim Ministru jintqal li fis-17 ta' Novembru 2009 is-Segretarju tal-Kabinett sejjaħ laqgħa li għaliha attendew fost oħrajn il-Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni l-Onor Dolores Cristina u l-kap tas-segretarjat tagħha u allura l-istess Onor. Cristina kienet infurmata x'kien għaddej u flok qed terfa' r-responsabbiltà politika għal dak li seħħ fi ħdan il-Ministeru tagħha, ħaslet idejha billi waħħlet it-tort kompletament f'ħaddieħor;

Din il-Kamra tar-Rappreżentanti

1. THEĠĠEĠ lill-Gvern jagħmel dak kollu meħtieġ biex titneħħa s-sospensjoni ta' pajjiżna mill-aċċess għall-Programmi kollha edukattivi fuq livell komunitarju sabiex iż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin u s-soċjetà ċivili jgawdu mill-ġid li joħroġ mill-programmi kollha msemmija;

2. TIDDIKJARA li m'għandhiex fiduċja fl-Onor Dolores Cristina fil-kariga ta' Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni;

3. TITĦASSEB li dawn in-nuqqasijiet ma jawgurawx tajjeb għat-tmexxija tar-riformi importanti fil-qasam tal-edukazzjoni li jaqgħu fir-responsabilta' tal-istess Ministru;

TIRRIŻOLVI li I-Prim Ministru għandu jneħħi lill-Onor. Cristina mill-kariga ta' Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni minnufih.

09.06.10